KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 8 Ħamis 17 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Joseph Howard -Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, ta' Joseph Gatt, Shirley Abela, Joseph Howard u Aiken Zerafa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 6
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 6 . Minuti Nru 7 ma kienx hemmx peress li laqgħa kellha ssir fil-15 ta' Ottubru 2019 ma saritx u ġiet posposta għas-17 ta' Ottubru 2019.

8.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

8.3.1 Kommunikazzjoni – Update fuq Bankini tal-PAMA

Is-Sindku nfurmat li l-*budget* biex jsiru l-bankini kważi ġie wżatt kollu, u għanda nirċievu l-aħħar *update,* imma bejn wieħed u ieħor il-bilanċ li fadal huwa ta' madwr 2,000 Ewro. Is-Sindku nfurmat li talbet wkoll il-lista ta' bankini li saru bil metraġġ tagħhom.
Il-Kunsillier Deguara staqsa biex niċċekjaw jekk triq il-Midbaħ hux ħa ssir peress li din kienet parti mil-lista.

8.3.2 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.2 Ġnien Kevin Vella (Gibjun)

Is-Sindku nfurmat li s-Sur Charles Borg infurmana li kkomunika mall-perit Charles Buhagiar u ser ikun qed jgħaddilna l-kwotazzjoni. Fakkret lil membri preżenti li fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kien approva li s-*survey* qed jiġi mitlub mill-kunsill u l-ispejjeż tiegħu ser jitħallsu mill-kunsill.
Dwar l-*overflow* is-Sindku ressqet proposta li jekk tiġi approvata nkunu qegħdin napplikaw ma' l-Energy & Water Agency. Ġiet mogħtija l-parir li jekk nagħmluha 99% jirnexxielna nsolvu l-problema ta' l-għarar fil-ġibjun. Ir-rakkomandazzjoni li ngħatat hija li ngħamlu 3 toqob neżlin l-isfel madwar 60 metru b'hekk nikkalkulaw li jitħalla 30 metru biex jissaffa l-ilma. Dawn it-toqob ser ikunu qed iħallu l-ġibjun b'livell t'ilma li huwa madwar 4 filati minn fuq. Skond informazzjoni li ġabret s-Sindku, parti mill-problema tal-ġibjun ta' l-għarar hija li l-katusi qegħdin ma' fuq allura meta jilħaq il-limitu tiegħu ma jibdiex ilaħħaq u tegħreq l-area. Din l-ispiża kif ġiet infurmata s-Sindku, tiswa' Eur 1,200 x 3 toqob + VAT, dejjem jekk tinħareġ awtorizazzjoni tax-xogħol mil-Energy & Water Agency.

Is-Sindku nfurmat li xorta jridu jsiru l-*manholes* biex jitnaddfu l-*overflows.*
Il-Kunsillier Cassar, talab biex tkun ikkonfermata din il-kwotazjoni biex nkunu żguri li dik hija l-ispiża. Fakkar wkoll li l-Awtorita ta' l-Ippjanar talbet lil Med Design biex jissottomettu *minor amendment* relatata ma livelli, tal-pjanta tal-ġnien, u għalhekk importanti li nirsistu mal-Med Design biex jlestu l-parti tagħhom, ħalli l-Kunsill jkun jista jkompli bil-proġett.

8.3.3 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.3 Monument ta' l-Iljun

Is-Sindku nfurmat li reġgħet bagħtet lill-Med Design biex jagħtuna *update* għax l-ittra issa ilha xahrejn. Diġa intbgħatu 3 *emails* mill-aħħar laqgħa, pero' jidher li qed jistennew mil-Awtorita ta' l-Ippjanar. Il-Kunsillier Cassar talab biex nistiednu lil Periti tal-PAMA waqt laqgħa tal-Kunsill biex jtuna *update,* u forsi jifhem lil-Kunsilliera u l-insistenza tal-Kunsill biex ix-xogħol jibqa miexi.

8.3.4 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.4 Progetti Toroq

Is-Sindku nfurmat li applikajna bit-TPS. Il-perit tal-Kunsill nfurmana li m'hemm xejn aktar xi jsir min-naħa tiegħu. Issa kien jonqos li nitkellmu mal-perit tal-kuntrattur u f'dan il-każ Giovann, u naraw li japplika għall-permessi li hemm bżonn. Fil-15 t'Ottubru Giovann, nfurmana li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li aħna naħdmu bil-perit tiegħu għal dan ix-xogħol imma r-rata tal-perit tiegħu hija differenti minn dik tal-perit tal-Kunsill. Giovann qal li f'kunsilli oħra l-perit tal-Kunsill jieħu ħsieb. Għalhekk, ħa ssir laqgħa mal-kuntrattur u l-perit tal-Kunsill fl-24 ta' Ottubru.

Is-Sindku nfurmat li f'dawn iż-żewġ toroq ħa jsiru l-bankini wkoll.

- Fis 6:44pm daħal għal laqgħa l-Viċi Sindku.

Il-Kunsillier Cassar ssuġerixxa li bankina ssir fuq naħa waħda, għax in-naħa l-oħra hemm għalqa, kif wkoll jipparkjaw ir-residenti. Is-Sindku nfurmat lil Viċi biex jieħu nota ħalli naraw l-istat tal-bankina li diġa hemm fi Triq Bonnijiet.

Il-Viċi Sindku talab għal-approvazzjoni biex Triq il-Bajtar ssir *one-way,* b'direzzjoni tat-traffiku tkun l-fuq peress li din it-triq saret ta' periklu. Din għanda ssir *one-way except for garage users.* Il-membri preżenti qablu biex din titella fl-*agenda* għal-laqgħa li jmiss. Il-handyman tal-Kunsill għandu jmur jkejjel il-wisgħa tat-triq.
Il-Kunsillier Cassar talab biex nfittxu fir-rekords tal-minuti għax din kienet diġa issemmiet.

- Fis-6:52pm il-Kunsilliera Bonnici talbet biex tiġi skużata għax kella impenji oħra.

  Is-Sindku nfurmat li toroq oħra li ġew approvati fil-leġislatura l-oħra bħala toroq li jridu jsiru u li ma kienx għadu sar ippjanar fuqhom huma dawn:
  - Sqaq Sant Anton Abbati numru 3
  - Sqaq Xorxa
  -Triq Charles J. Vassallo
  -Triq Dun Mikiel Xerri
  -Triq il-Ġnejna

  Is-Sindku nfurmat li Triq il-Ġnejna ser ikollna npoġġuha *on hold* għax hemm bżonn li jsiru xi *culverts* min-naħa ta' Infrastructure Malta, qabel ma ssir it-triq. Għalhekk, ser tintbgħat ittra lir-residenti ta' triq il-Ġnejna, biex nżommuhom nfurmati li qabel ma jibda l-proġett tat-triq, l-ewwel ħa jsir xogħol min Infrastructure Malta, fejn hemm ċans li tiġi solvuta l-problema tal-*culvert.*

  L-erbgħa toroq l-oħra kienu approvati bħala *concrete imprint*. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa *block paving* imma nġibu kwotazzjoni ħa naraw x'inhi d-differenza. Dan ta' l-aħħar huwa aktar għali imma aktar b'saħħtu u l-*maintenance* tiegħu hija orħos.
  Il-Kunsillier Cassar issuġerixxa li ma nmorrux għal *paving blocks*, għax mil-esperjenza dawn maż-żmien jibdew jiċċaqilqu maż-żmien meta jgħaddu l-vetturi, kif wkoll il-ħoss li jgħamlu meta jgħaddu l-vetturi li jkun inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsillier Cassar nforma lil membri preżenti li l-Water Works kienu diġa għamlu studju biex jsiru *culverts* fi Triq il-Ġnejna, liema spejjes jinqasmu 70/30 għax, liema riżultat kien negattiv, jekk ma jinbidilx il-*culvert* ta' Main Street.

  Il-Viċi Sindku ma xtaqx jiddevja imma fuq Main Street xtaq jirraporta li kellu laqgħa mas Sur Frederick Azzopardi min Infrastructure Malta fuq ix-xogħolijiet li l-Gvern ħa jgħamel ġewwa l-Mosta.
  - Tad-Dip għalaq it-tender u ġew awarded ix-xogħolijiet li suppost għandhom jibdew dalwaqt.
  - Min fejn Triq Buqana għal Extra Time, ħa jkomplu bit-tarmac, bankini u *landscaping.*
  - Traffic Junction Vjal l-Indipendenza k/m Triq il-Kbira, u jibqaw neżlin bit-tarmac sas-City Bar.
  - Ħa tiġi mmeljorata il-junction ta' fejn San Silvestru.

  Il-Viċi Sindku nforma li talab biex Infrastructure Malta jirrevedu l-problema ta' *culverts* fi triq il-Kbira. Is-Sur Azzopardi talab lil Viċi Sindku biex jkellem lil perit Stephen Bonello, u jġib

pjanta ta' kif qegħdin is-sistema ta' *culverts* f'Main Street. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jeżistux pjanti għax kien fittex fuqhom wkoll.

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-parti ta' fuq ta' San Silvestru ħa titwessa, meta jibda l-iżvilupp ta' PC Application u tinkludi ta' Mellu u staqsa hux ħa tinfetaħ Triq Ġanni Chetcuti.

- Fis-7:00pm daħal għal laqgħa l-Kunsillier Micallef.

Il-Viċi Sindku m'għandux informazjoni fuq din it-triq. Nforma wkoll li kif jibgħatu l-pjanti, dawn jiġu mgħodija lil-Kunsilliera. Qal wkoll li Triq 9 ta' April ħa jsir il-*culvert* wkoll.

**8.3.5 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.5 Parkour, Outdoor Gym u Playing Field Zokrija**

Dwar Ġnien Gorg Grognet de Vasse, Ġnien 15 t'Ottubru u l-*outdoor gym*, is-Sindku nfurmat li jonqosna l-kwotazzjoni ta' *civil works* mingħand Tyson u Tyson mhux iwiegeb it-telephone. Din qatt ma kienet kwotata meta saret l-applikazzjoni u wara nkunu nistgħu napplikaw għall-*additions* mad-Development Funds. Bħala CRPD diga bgħatnilu spjegazzjoni tal-proġett imma qalilna li hu jiġi kkuntatjat wara. Matthew diġa ordna l-*playing equipment* imma lilna sal-lbieraħ 16 t'Ottubru kien għadu ma taniex il-kwotazjoni li rridu ninkluduha ma' l-*additions*. Is-Sindku nfurmat wkoll li m'għandnix bżonn ta' DNO (development notification order). Il-problema li għandna li l-flus tad-DLG jagħlqu fil-15 ta' Novembru.

**8.3.6 Kommunikazzjoni – Internet service CCTV**

Tlabna lil Faro Group xi speed huwa meħtieg għax GO offrew 75/15 Mbps bħala l-inqas *speed* jew 300/20 Megabits/second jekk viċin *fibre optic connection*. Skond Faro Group 75/15 Mbps huwa biżżejjed. Bħala GO offrewlna agreement ta' 3 snin 100/15Mbps għal prezz ta' Eur 25 fix-xahar minflok Eur 41.30.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

Rigward biex nmorru Cloud *based*, is-Sindku nfurmat li r-rata hija għalja, fejn il-Kunsillier Cassar ikkonferma li iva biex nmorru Cloud *based* ħa tiġina tiswa l-flus. Għalhekk, isuġġerixxa biex l-NVR's jkunu msakkrin u niċċekjaw jekk jistawx jiġu *encrypted.*

**8.3.7 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.7 Measure 4.4 Ħitan tas-Sejjieħ**

Is-Sindku nfurmat li l-Perit tal-Kunsill jonqsu jagħtina l-kejl preċiz tat-triq il-Bidnija u anka l-kwotazjoni, imbagħad napplikaw għal din it-triq.
Avviżi tal Awtorita ta' l-Ippjanar diġa imwaħħla mall-ħitan tas-sejjieħ. Tender ġie evalwat u bdew it-*10 days contestation* għal-*bidders* li ma rebħux it-tender.

Is-Sindku nfurmat li tlabna għal-estensjoni taż-żmien, minħabba li mhux ser jkunu lesti fiż-żmien stipulat li aħna marbutin bid-data.

**8.3.8 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.8 Public Toilets**

Is-Sindku nfurmat li xtaqet tgħati *update* fuq din fuq l-aħħar laqgħa li kelna miegħu, pero' l-perit tal-Kunsill għadu ma tgħanhiex *update*.

**8.3.9 Kommunikazzjoni – Update REF: 6.3.11 Titlu ta' Belt**

Is-Sindku nfurmat li ġiet mitluba biex terga' tgħaddi din it-talba waqt laqgħa ta' dan il-kunsill ġdid, u terga' tinkiteb ittra ndirizzata lill-Ministru Owen Bonnici, il-Ministru Responsabbli mill-Gvern Lokali. Is-Sindu qrat l-ittra li qed tiġi mhemuża ma dawn il-minuti bħala Appendiċi A.

Fl-ittra li qed tiġi indirizzata lil Ono. Bonnici, qed jiġu kkupjati wkoll id-dipartiment tal Gvern Lokali, kif wkoll il-membri Parlamentari Mostin.

Il-Kunsillier Cassar talab li ma l-ittra nżidu għax fil-passat titlu ta' belt kien jingħata fejn kien hemm il-Kavalieri, għax fejn kien hemm il-Kavalieri kien hemm il-ġid, u raħal kien jitkejjel kemm kien hemm ġid. Illum il-ġurnata il-ġid jitkejjel primarjament skont il-ħwienet kummerċjali, skond il-popolazjoni u affarijiet oħra. Illum il-ġurnata il-kejl ma jsirx kemm hawn ġid jew kemm hawn nies sinjuri jgħixu ġewwa l-Mosta. Għalhekk, għanda nsemmu dawn il-kriterji fl-ittra kif wkoll tiġi mhemuża l-ewwel ittra li ntbgħatet.

### 8.3.10 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.13 Vending Machines

Is-Sindku nfurmat li din il-ġimgħa daħal fis-seħħ l-*agreement* il-ġdid tal-vending machines.
Ftehmna li ser inkunu qed nippruvaw 20% għal perjodu ta' 6 xhur u mbagħad immexxu fuq dak li jaqbel, nemmen li għandna mmorru tajjeb.
Il-Kunsill ħa jkun qed joħroġ l-*invoice* fuq 20% tal-bejgħ totali, u fuq it-total jerga' jinħareg il-VAT. Is-sistema taħdem bl-istess sistema bħal arloġġ tad-dawl, xahar b-lura.

### 8.3.11 Kommunikazzjoni – Update REF: 6.3.15 Magazine u Rate Chart Banner Adverts

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsillier Micallef għadilna kwotazjoni. Printing u anka *design* tal-magazine ħa jsir mil-Print Right. 8000 kopja prezz ta' Eur 1890 + VAT bil-ħxuna tal-karta 130gsm.

Residenzi Mosta u Bidnija 8635 u s-Sindku nfurmat li ħa jigu printjati 8750 biex jitħallew xi kopji fil-kunsill.

Il-Mailbox ħa jqassmu il-magazine bi prezz ta' €431.75 + VAT biex jitqassam f'*extra shift* ħalli jkun waħdu.
Back full page Eur 750 - jekk tibbukja 4 Eur 600 il-wieħed.
Full page Eur 350 - jekk tibbukja 4 Eur 280 il-wieħed.
Banner front Eur 450 - jekk tibbukja 4 Eur 375 il-wieħed.

### 8.3.12 Kommunikazzjoni – Restawr tan-niċeċ

Is-Sindku nfurmat li jekk din il-ġimgħa ma nirċievux kontestazzjoniet mil-*bidders*, ix-xahar id-dieħel Camray jibda r-restawr fuq dawn in-niċeċ.

Holy Family fi Triq Brittanja
St Joseph with child - Triq Sant Anton Abbati
St Francis Xavier Shrine - Triq il-Kbira
Our Lady of Mount Carmel - Triq il-Kbira
St Nicholas - Triq San Gwann

### 8.3.13 Kommunikazzjoni – Ġnien l-Għarusa tal-Mosta Venue

Is-Sindku nfurmat li l-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, qed jintalab għal bosta *events* inkluż anke tiġijiet. Is-Sindku nfurmat li aħjar ma jinkeriex milli jinkera bir-rata stipulata mil-CAP 363 ta' Eur 6.99. Fil-fatt waħda mil-laqgħat li kelna ma Ambjent Malta dan ta' għandu jinkera bejn Eur 2,000 u Eur 2,500. Għalhekk, hemm bżonn li niddiskutu biex ssir bye-law ħa nkunu nistaw niddeċiedu rata.

Ambjent Malta nfurmawna wkoll li m'hemx għalfejn issir devoluzjoni tal-ġnien, għax dan diġa jaqa' taħt il-kappa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Cassar nforma li għandhom żball għax dan il-ġnien

qatt ma kien devolut lil Kunsill, fil-fatt l-Onor. Edwin Vassallo kellu taħdidiet mal-PARKS biex il-ġnien jiġi devolut lil-Kunsill, u dan jista jikkonfermaħ wkoll l-Onor. Alex Muscat. Dak iż-żmien il-Kunsill kien iddeċieda li malli jkun lest il-ġnien, jiġi devolut lil-Kunsill b'mod uffiċjali, u jidħol bi sħab mal-privat (PPP). L-Kunsill kien qabel li mingħajr PPP il-ġnien ma jistax jieħu ħsiebu l-Kunsill, għax dan il-ġnien waħdu trid madwar Eur60,000 biex jinżamm fi stat tajjeb. Jekk ingħadda lil privat dan il-ġnien jingħalaq biss meta jkun hemm attivita, il-bqija dejjem ħa jkun miftuħ għal-Mostin u għal-pubbliku in ġenerali, u nistaw wkoll nillimitaw kemm jsiru attivitajiet, ħalli żgur ma jispiċċax ġnien mimli attivitajiet privati u l-maġġoranza jkun mgħaluq għal-pubbliku.

Il-Viċi Sindku staqsa kif saru is-CCTV cameras u arranġament ma terzi jekk il-ġnien ma jaqax taħt ir-responsabilta tal-Kunsill? Il-Kunsillier Cassar nfurmaħ li l-arranġament ma tal-bee apiary sar bil-kundizzjoni sakemm jibqa jieħu ħsiebu l-Kunsill. Rigward CCTV cameras, dawn ġejna obbligati min Ambjent Malta biex jsiru, u tawna *deadline.*

Is-Sindku nfurmat li bħala *public toilets* peress li m'hemx, u m'hemx drenaġġ l-anqas, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, nforma lis-Sindku li jeżistu *toilets* mingħajr ma għandhek għalfejn tqabbad mad-drenaġġ, u jitnaddaf kull 5 snin.

Il-membri preżenti qablu li għanda ntellaw din il-materja agenda item.

### 8.3.14 Kommunikazjoni - Update REF: 6.3.16 Information box Pjazza

Is-Sindku nfurmat li l-information box tal-Pjazza tista tinqala', għax il-kumpanija li kienet installat din il-kaxxa, infurmatna li din saret proprjeta tal-Kunsill la darba tħallas il-pagament tagħha.

### 8.3.15 Kommunikazjoni - Parking Ronnie tal-Fjuri

Is-Sindku nfurmat li Ronnie talab permess biex jdaħħal *kids fun bus* għat-tfal għal-party tat-tifel fi triq Kurat Schembri, quddiem Cafe' Olavi.
Il-membri preżenti ma qablux, għax jkun qed jinħoloq preċedent, peress li vettura, aparti li diġa hemm kwistjoni dwar vetturi li jidħlu min triq il-Paroċċa, pero' jista jgħamel *bouncing castle.*
Għalkemm din tidher *pedestrian,* mhijiex reġistrata ma Transport Malta bħala triq *pedestrian.*
Il-Viċi qal li Transport Malta tgħati permess biex triq tkun *pedestrian for garage users only,* u r-residenti jridu li jkunu jistaw jiparkjaw quddiem ir-residenzi tagħhom.
Il-Kunsill qabel wkoll li għanda ssir *public consultation,* dwar triq il-Paroċċa jekk għandhiex tkun *pedestrian* jew le.

### 8.3.16 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.12 Tintinnabru

Is-Sindku nfurmat li daret il-korrispondenza kollha, fejn r-risposta li nħarget mid-Direttur is-Sur Chris Galea kienet ċara li ma jistax jawtorizza. Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex tibqa tirsisti fuqa.

### 8.3.17 Korrispondenza – Removing of street surface in Triq Anglu Gatt

Is-Sindku nfurmat li rċevejna korrispondenza mingħand is-Sur Jeffrey Attard għal-Lara Developments Ltd fejn qed jlestu blokka apartamenti, u talbuna permess biex bi spejjes tagħhom jneħħu 15 il-metru tul tal-wiċċ tat tarmac biex ma jżommx il-qlib tal-ilma quddiem il-blokka. Dawn ħa jgħamluħ għas-spejjes tagħhom.

Il-membri preżenti approvaw it-talba, u Lara Developments għandhom jinfurmaw il-Kunsill il-ħxuna tat-tarmac.

8.3.18 Korrispondenza – Trejqet il-Bajtar u Triq Baskal Buhagiar
Is-Sindku nfurmat li rċevejna ittra mingħand is-Sur Carlo Bugeja fejn dawn it-toroq issemmew fuq ir-radju, għax ir-residenti qed jitolbu biex Trejqet il-Bajtar u Triq Baskal Buhagiar, jsiru *one-way.*
Il-Kunsillier Cassar nforma li Triq Baskal Buhagiar kienet saret fl-2012 u ġiet irtirata wara xi xahar. Il-membri preżenti qablu li din tkun *onhold*, għax trid tiġi studjata.

Għal trejqet il-Bajtar il-membri preżenti qablu li titla agenda item hekk kif diġa ġie deċiż f'din il-laqgħa 8.3.15 Kommunikazzjoni - Update REF: 6.3.4 Proġetti Toroq.

8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.4.1 – Triq Kurat Calleja
Il-Viċi Sindku talab li triq Kurat Calleja ssir *electric bollard* jew *barrier,* għax ma jistax jkun li fil-għodu kulħadd jipparkja biex jwasslu tfal l-iskola u tingħalaq it-triq, għax allaħares jkun hemm bżonn emerġenza. Għalkemm hemm it-tabelli ta' *no entry except for residents and garage users,* xorta qed jipparkjaw vetturi u jgħalqu t-triq għal nofs siegħa filgħodu u nofs siegħa oħra wara nofs in-nhar. Il-Viċi Sindku ħa jibgħat il-ħinijiet eżatt u ritratti biex is-Segretarju Eżekuttiv tkun tista tirraporta lil LESA biex jgħamlu *spot checks.*

8.4.2 – Triq Wied il-Għasel
Il-Viċi Sindku li *road markings* ta' triq Wied il-Għasel għadhom ma sarux min Transport Malta. Din għadhom kemm taw it-tarmac f'din it-triq.

8.4.3 – Triq Cassar
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-linji li saru fi Triq Cassar mil-ħaddiema tal-FTZD, ma sarux sew, f'kelmu diżastru. Il-Viċi Sindku kkonferma, fejn qal li vera qed jaqduna imma min għamilhom mhux kapaċi.

8.4.4 – Triq Ta' Bistra
Il-Viċi Sindku nforma li hemm bżonn titnaddaf triq Ta' Bistra.

8.4.5 – Bandla mkisra
Il-Viċi Sindku nforma li hemm bandla mkissra fir Ġnien Reggie Cilia.

8.4.6 – Banda fil-Milied
Il-Viċi Sindku nforma li bħala servizz ta' banda fil-Milied talbu li jdoqqu fil-*Christmas Village.* Is-Sindku nfurmat li diġa kella laqgħa mas-Sur David Micallef, u Giovann biex jikkordinaw il-programm bejnithom flimkien mal-Paroċċa.

Il-Viċi Sindku nforma li l-prezzijiet tal-baned żdiedu għal-600 Ewro, u hija l-inqas rata fissa tal-baned kollha, u għanda nirċievu d-dati tal-programm. Il-Viċi Sindku ħa jibgħat ir-rati tal-baned għax il-prezz ivarja skond il-ħinijiet.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li kellu laqgħa mal-paroċċa, fejn il-Kunsill b'kollaborazjoni mal-paroċċa flimkien mal-grupp ta' l-armar ssir is-siġra tal-Milied, li ħa tiswa 2,500 Ewro. Il-grupp

armar talab biex għat tliet snin li ġejjin il-Kunsill jarma din is-siġra tal-Milied biex il-grupp armar jifdi l-ispejjes tagħha.

Is-Sindku nfurmat li għal mas-siġra l-Kunsill ħa jkun qed jbiegħ riklami liema riklami jkunu tal-Kunsill u qliegħ ħa jmur għal-Istrina u għal-Puttinu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri li daqt jiskadi l-ħin ta' tlett siegħat, sakemm il-membri preżenti ma jaqblux bejnithom li nkomplu. Il-membri preżenti qablu unanimament biex il-laqgħa titkompla wara id-9:00pm.

### 8.4.7 – Skola Sta. Monika

Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk hux possibli li fi triq Anglu Gatt k/m triq Ponsomby jsiru tabelli bil-ħinijiet ta' *no entry except for minibuses* waqt il-ħin ta' l-iskola (ħruġ u dħul tat-tfal), għax qed jkun hemm *chaos* ta' traffiku. Il-membri preżenti qablu unanimament.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jiġu ordnati.

### 8.4.8 – Events - Trick or Treat u Logħob Avventuruz

Il-Kunsillier Micallef nforma li sotto kumitat ser jorganizza żewġ attivitajiet. Waħda relatata mal-Halloween fejn fil-31 ta' Ottubru ħa jkun hemm grupp tat-tfal jdur iż-żona ta' Sta. Margerita. Lir-residenti ta' din iż-żona ħa tintbgħatilhom ittra biex jkunu nfurmati. Il-Kunsill ser jorġanizza *shuttle bus* mil-Pjazza għal-Sta. Margerita kull nofs siegħa.

L-attivita l-oħra ser issir fl-Oratorju fis-17 ta' Novembru li ħa tkun attivita mgħamula min kompetizjoni ta' logħob u avventuri għat-tfal b'etajiet bejn 5 u 15 il-sena. Kull min hu interessat jista jiġbor applikazjoni mil-Kunsill.

### 8.4.9 – Exchange fit-Turkija fuq Imigrazzjoni.

Il-Kunsillier Micallef nforma li l-exchange mat-Turkija ser issir nhar il-Ħadd li ġej 20 ta' Ottubru. Il-pajjizi li ser jieħdu sehem flimkien ma Malta, huma Turkija, Greċja, Olanda u Spanja.

### 8.4.10 – Qalbiena Mostin

Il-Kunsillier Camilleri nforma li Jum il-Qalbiena Mostin ħa ssir fl-10 ta' Novembru, b'quddiesa tibda fid-9:30am ġewwa l-Bazilika tar-Rotunda. Il-Kunsillier Camilleri talab l-approvazjoni tal-Kunsill biex bħas-sena li għaddiet jinkera l-PA system, Pulizija u servizz tal-banda mill-iscouts.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

### 8.4.11 – Garaxx tal-Kunsill

Il-Kunsillier Camilleri staqsa għalxiex meta ssemmiet il-magna tal-ħobż antika waqt laqgħa tal-Kunsill, ħadd ma tkellem li din kienet intremiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri li ma kenitx taf li din il-magna intremiet. Infurmat wkoll lil membri tal-Kunsill li l-*handyman* tal-Kunsill jaf ċar u tond li ma jistax jarmi affarijiet mingħajr ma jieħu ritratti u jiġu reġistrati fil-kotba. Jista jkun li l-*handyman* ma nfurmax lis-Segretarju Eżekuttiv għax dan il-forn kien donazjoni u qatt ma kien fil-kotba tal-Kunsill.

### 8.4.12 – Triq il-Kbira

Il-Kunsilliera Rapa qalet li fi triq il-Kbira k/m triq il-Ġnejna fejn il-forn, xi ħadd ġab permess għal-*double yellow line* u kaxxa. Il-Kunsilliera Rapa staqsiet biex nistaqsu lil-Transport Malta jekk dawn il-linji u l-kaxxa safra humiex bil-permess peress li huma twal ħafna.

### 8.4.13 – Triq il-Ħtajreit

Il-Kunsillier Deguara qal li kien irraporta bozza biex nerġaw nirrpurtaw lil Transport Malta għax ila xi xahar irrapurtata.

### 8.4.14 – Ħarġiet

Il-Kunsillier Deguara staqsa kif morna fl-ewwel ħarġa li saret f'Awwissu. Is-Sindku nfurmat li kienu attendew mal-160 ruħ għal-ħarġa li saret l-Armier. Fejn għal ikel ġejna mitluba 5 Ewro, u l-biljetti inbiegħaw bl-istess prezz ta' 5 Ewro. Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk il-Kunsill għamilx telf, għax idealment nkunu *even*. Is-Sindku nfurmat li kull ma ħallas il-Kunsill kien it-trasport. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk jistax jibda jkun hemm rendikont tal-ħarġiet waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

### 8.4.15 – FTZD

Il-Kunsillier Cassar nforma li japprezza li qed jkollna l-għajnuna mil-FTZD, imma mportanti li x-xogħol jsir sew biex mhux wara ftit jiem/żmien jintilef ix-xogħol li jkun sar.

### 8.4.16 – Pjan ta' Ħidma

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk sarx il-pjan ta' ħidma għas-snin li ġejjin, mhux biss il-mandat politiku li għandu l-PL imma wkoll hux ser jiżdiedu xi ideat proġetti oħra. Il-Kunsillier Cassar nforma li fl-aħħar leġiżlatura sar *booklet* bi programm ta' proġetti miż-żewġ partiti, kif wkoll *budget plan.*
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Pjan ta' Ħidma u l-Budget Plan ħa jsir għal-Novembru / Diċembru, pero' għal-Budget Plan għad irridu nirċievu l-allokazjoni mid-DLG.

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex meta tkun komda ttieħ ġurnata li jistaw jiltaqaw għal-ideat tal-PN biex jkunu nklużi fil-pjan ta' ħidma.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li min għandu s-sotto kumitati jrid wkoll jiprepara rapport ta' x'sar u x'hemm pjanat li ħa jsir fl-2020.

## 8.5 Rapporti

### 8.5.1 Kwotazzjoni re Fanali fi Pjazza Tabib Chetcuti

Is-Sindku nfurmat il-Kunsillier Gatt kien ressaq talba għax ma hemx dawl fi Pjazza Tabib Chetcuti. Għalhekk is-Sindku nfurmat li ġibna kwotazzjoni li tammonta għal 5,950 Ewro inkluż VAT. Din il-kwotazzjoni aparti fanali u installazjoni tinkludi wkoll materjal u xogħol ieħor.

Fil-kwotazzjoni hemm mniżżel li ser jsir *trenching works,* u l-Viċi Sindku talab biex niċċekjaw fejn ser isir *trenching works,* peress li suppost kollox hemm preparat biex jsir id-dawl.

Il-Viċi Sindku staqsa biex tintalab kwotazjoni għal Pjazza Enrico Mizzi, fejn wkoll ilu lest mil-preparamenti biex jsir id-dawl, u biex il-kuntrattur jipprovdi ritratti tal-fanali. Il-Kunsillier Cassar talab biex niċċekjaw li r-rati fil-kwotazzjoni jaqblu mat-tender.

### 8.5.2 Kwotazzjoni re Dawl fil-parkeġġ tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Is-Sindku nfurmat li talbet wkoll kwotazzjoni biex jsir dawl fil-parkeġġ ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, li tammonta għal 15,791.35 Ewro.
Il-Kunsillier Cassar qal li din ħasra li dan ma kienx pjanat mal-proġett, min Ambjent Malta.

8.5.3 – Embellishment tal-Pjazza

Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Ministru tat-Turizmu u l-*embellishment* tal-Pjazza ħa jkunu qed joħduh *on-board* fejn jkun proġet mqassam fuq tlett snin. Is-Sindku nfurmat lil-membri preżenti li għandhom jibgħatu għal-Kunsill biex issir laqgħa, u għalhekk is-Sindku ħa żżomm lil membri preżenti nfurmati meta jkolla iktar informazjoni.

8.5.4 - Ingaġġ ta' Tlett Skrivani Full Time Skala 15/16

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad irid jiltaqa' l-bord mgħamul mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Bonnici u Gatt biex isir l-ewwel *interview.* Is-Sindku nfumat li ħa jiġu nklużi wkoll applikanti għal-skala 16, biex jkun hemm aktar għażla, anke wkoll għax ċertu xogħol ħa jkun ta' natural li persuna ma jkollhiex bżonn 'O' Levels.

8.5.5 Awarding of Tender -KLMT-02-2019 - Construction and Restoration of Rubble Walls in Mosta under Measure 4.4 of the European Agricultural Fund for Rural Development

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender ġie evalwat u mgħaluq, u l-kuntrattur/kumpanija li rebħet dan it-tender huwa Old Buildings Ltd.

8.5.6 Awarding of Tender – KLM T-01-2019- Restoration of Street Shrines in Mosta

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender ġie evalwat u mgħaluq, u l-kuntrattur/kumpanija li rebħet dan it-tender huwa Camray Company Ltd.

8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

8.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 96.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 25 ta' Settembru sas-17 ta' Ottubru 2019.

8.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

8.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

8.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Settembru 2019. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

## 8.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-12 ta' Novembru 2019 fis-6:00pm.

Konfermati llum 17 ta' Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |